2024/2985

3.12.2024

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2985

tal-24 ta' Settembru 2024

dwar l-inklużjoni unilaterali tas-setturi min-naħa tan-Netherlands, fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fl-Unjoni għall-bini, għat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali skont l-Artikolu 30j tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30j tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 30j(1) tad-Direttiva 2003/87/KE jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li mill-2027, jestendu b'mod unilaterali l-applikazzjoni tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fl-Unjoni ("EU ETS") għall-bini, għat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali, għas-setturi li mhumiex elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE.

(2) Meta jagħmlu użu minn din il-possibbiltà, l-Istati Membri jridu jqisu b'mod partikolari l-effetti fuq is-suq intern, id-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni, l-integrità ambjentali tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u l-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ u rapportar ippjanata.

(3) Fl-10 ta' Ġunju 2024, in-Netherlands innotifikaw talba biex jespandu l-applikazzjoni tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini, għat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali għal lista ta' setturi li għadhom mhumiex koperti mill-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE jew mill-Kapitoli II u III tagħha.

(4) L-awtoritajiet Olandiżi spjegaw li din l-estensjoni unilaterali tnaqqas il-kostijiet amministrattivi u tiffaċilita l-proċessi ta' rapportar u ta' monitoraġġ għall-entitajiet regolati u għall-awtorità nazzjonali kompetenti.

(5) Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS lil hinn mil-lista ta' attivitajiet elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE, kif talbu n-Netherlands, tabilħaqq ikollha benefiċċji ambjentali, u twassal għal simplifikazzjoni amministrattiva għall-fornituri tal-fjuwil li jaġixxu bħala entitajiet regolati fin-Netherlands.

(6) Abbażi tad-*data* rieżaminata dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għas-snin 2016, 2017 u 2018 imwettqa fl-2020, f'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-ammont totali medju ta' emissjonijiet li jikkorrispondi għas-setturi nnotifikati min-Netherlands fil-kuntest ta' din it-talba għal estensjoni unilaterali jammonta għal 5 908 224 tCO_2. Dan l-ammont se jintuża bħala bażi għall-kalkolu tal-ammont futur ta' kwoti addizzjonali li jridu jinħarġu mill-2027.

(7) Il-Kummissjoni vvalutat il-metodoloġiji ta' rapportar u ta' monitoraġġ ippjanati min-Netherlands u kkonkludiet li dawn huma affidabbli u konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 30j tad-Direttiva 2003/87/KE.

(8) Is-sistema tad-dazju tas-sisa fis-seħħ fin-Netherlands, b'mod partikolari l-infrastrutturi tad-distribuzzjoni, ma tippermettix b'mod effettiv lill-entitajiet regolati jiddifferenzjaw l-użu finali tal-fjuwils bejn is-setturi diġà koperti mill-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE fuq naħa waħda, u s-setturi kkonċernati minn din l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni fuq in-naħa l-oħra. Biex jiġu ffaċilitati l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika kosteffettivi tal-emissjonijiet u jitnaqqas il-piż amministrattiv marbut mar-rapportar assoċjat mal-fattur tal-kamp ta' applikazzjoni fir-rapporti annwali dwar l-emissjonijiet u l-pjanijiet ta' monitoraġġ, jenħtieġ li l-entitajiet regolati ma jkunux meħtieġa jiddistingwu r-rapportar tal-emissjonijiet fis-setturi kkonċernati mill-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni mill-emissjonijiet fis-setturi diġà koperti mill-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE.

([1]) ĠU L 275, 25/10/2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/842/oj).

(9) Sabiex jikkonformaw maċ-ċiklu annwali regolari għall-monitoraġġ, għar-rapportar u għall-verifika tal-emissjonijiet fis-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali, jixraq li l-entitajiet regolati jirrapportaw l-emissjonijiet ivverifikati għall-kamp ta' applikazzjoni estiż li jibda fl-1 ta' Jannar 2025, f'konformità mal-Artikolu 30f(2) tad-Direttiva 2003/87/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni tal-approvazzjoni tal-estensjoni unilaterali

Fin-Netherlands, l-estensjoni tal-attività msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE għas-setturi elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni hija approvata soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 3.

Artikolu 2

Awtorizzazzjoni tal-ħruġ ta' kwoti addizzjonali

Fl-2027, għandhom jinħarġu kwoti addizzjonali abbażi tal-ammont medju tal-emissjonijiet totali ta' 5 908 224 tCO_2 irrapportat min-Netherlands għas-setturi elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għas-snin 2016, 2017 u 2018 f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 30c(1) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Artikolu 3

Obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar

In-Netherlands għandhom jiżguraw li kull entità regolata timmonitorja u tirrapporta, f'konformità mal-Artikolu 30f(2) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-kwantitajiet ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum fis-setturi elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni li jkunu seħħew mill-1 ta' Jannar 2025 lill-awtorità kompetenti, għal kull sena kalendarja.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Lista ta' setturi addizzjonali soġġetti għall-EU ETS fin-Netherlands skont l-Artikolu 30j tad-Direttiva 2003/87/KE

Kodiċi tal-IPCC	Settur	Kontenut
1 A 3 b (subsett)	Trasport bit-Triq	Emissjonijiet tal-kombustjoni mill-użu tal-fjuwil f'vetturi agrikoli fuq toroq pavimentati
1 A 3 c	Ferroviji	Emissjonijiet mit-trasport bil-ferrovija kemm għar-rotot tat-traffiku tal-merkanzija kif ukoll tal-passiġġieri
1 A 3 d (subsett)	Navigazzjoni fuq l-Ilma	Emissjonijiet mill-fjuwils użati biex iħaddmu l-bastimenti fuq l-ilma f'ilmijiet interni, inklużi l-bastimenti hovercraft u l-aliskafi, iżda eskluży l-bastimenti tas-sajd
1 A 3 e	Trasport Ieħor	L-emissjonijiet tal-kombustjoni mill-attivitajiet kollha tat-trasport li jifdal, inkluż it-trasport bil-pipelines, l-attivitajiet fuq l-art fl-ajruporti u fil-portijiet, u l-attivitajiet off-road mhux irrapportati mod ieħor taħt 1 A 4 c Agrikoltura jew 1 A 2. Industriji tal-Manifattura u Kostruzzjoni
1 A 4 c i (subsett)	Kombustjoni stazzjonarja għal agrikoltura/forestrija/sajd	Emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwils fil-pompi, fit-tnixxif tal-ħbub u f'kombustjoni agrikola, tal-forestrija jew stazzjonarja oħra fl-industrija tas-sajd, minbarra l-kombustjoni stazzjonarja fis-serer ortikulturali
1 A 4 c ii	Kombustjoni mobbli ta' Vetturi Off-road u Makkinarju Ieħor	Emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwils f'vetturi tat-trazzjoni fuq art agrikola u fil-foresti
1 A 5 (subsett)	Mhux Speċifikat	Emissjonijiet tal-kombustjoni mill-fjuwils użati mill-militar, minbarra l-fjuwils użati f'operazzjonijiet u f'kooperazzjoni bilaterali jew multilaterali, u eskluży l-fjuwils użati f'operazzjonijiet nazzjonali